# Animazzjoni - San Pawl Missierna (Sena Ċ)

**Dħul:**

Illum il-Knisja f'Malta qed tiċċelebra n-nawfraġju tal-Appostlu Missierna San Pawl fuq il-gżejjer tagħna. Il-miġja ta' Pawlu fostna ma ġratx b'kumbinazzjoni, iżda ġrat frott l-imħabba ta' Alla għalina. Aħna lkoll għandna d-dmir li nħarsu u ngħixu sew dan il-wirt reliġjuż li għaddewlna missirijietna.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**Qari:**

Fil-Liturġija tal-Kelma tal-lum, jiddomina r-rakkont tan-nawfraġju ta' San Pawl f'Malta. San Luqa jirrakkontalna l-mod li bih Alla, fil-providenza tiegħu, bagħtilna fostna lill-appostlu tiegħu Pawlu biex iħabbrilna l-Bxara t-Tajba. Fl-Evanġelju naraw li qabel ma tela' s-sema, il-Mulej bagħat lill-appostli tiegħu biex iħabbru l-Bxara t-Tajba lill-bnedmin kollha u wiegħedhom li hu kien ser jibqa' magħhom f'dak kollu li jgħidu u jagħmlu.
Nisimgħu b'attenzjoni l-qari.

**Salm Responsorjali:** Ħa jroddu ħajr lill-Mulej għall-tjubitu.

**Offertorju:**

Kull ma hu mogħti lilna huwa frott il-providenza ta' Alla, dik l-istess providenza li wasslet lil San Pawl fuq gżiritna. Ejjew għalhekk inroddu ħajr lil Alla għal dak kollu li jagħmel magħna kontinwament.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**

Ir-radd il-ħajr lil Alla għal dak kollu li jagħmel magħna jilħaq il-milja tiegħu meta aħna nirċevuh fl-Ewkaristija.
Nersqu għat-tqarbin, filwaqt li nkantaw flimkien.